# QORTI ĊIVILI

**(Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 28 ta' Marzu 2024**

**Nru:1**

**Rikors Nru. 8/2024**

**Transmax Co. Limited**

**v.**

**Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**għal kull interess li jista' jkollu**

Kopja Informali

**Daħla**

1. Il-kumpannija li bdiet dawn il-proċeduri, Transmax Co. Limited ("Transmax"), tgħid li hi s-sid ta' vettura, li titqies *trailer,* bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni TR2691 u bin-numru VIN: ZGPM3001FR002619 (il-"vettura").

2. Tgħid ukoll li l-vettura ġiet milquta nġustament minn ordni ta' qbid u ffiżar kontra numru ta' kumpanniji oħra.

3. Transmax ressqet ir-rikors li qiegħed quddiem il-qorti biex tieħu r-rimedju maħsub fl-artikolu 39 tal-Kap. 621, jiġifieri dikjarazzjoni li l-vettura hi tagħha u li m'għandhiex tibqa' soġġetta għall-ordni tal-qbid u ffriżar.

4. L-intimati ressqu risposta ġuramentata. Fiha qalu - fost affarijiet oħra - li l-proċeduri mibdija minn Transmax huma nulli billi r-rikors promotur mhux wieħed ġuramentat u, għalhekk, mhux konformi mal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 13, liema dispożizzjoni hi applikabbli għal dawn il-proċeduri fid-dawl tal-artikolu 31 tal-Kap. 621.

5. Waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2024 ġie deċiż li għandha tingħata deċizjoni llum dwar l-imsemmija eċċezzjoni, u dana wara li jkun għadda ż-żmien biex il-partijiet iressqu noti ta' osservazzjonijiet.

**Rikors jew rikors ġuramentat**

6. L-argument tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi[1] kif imressaq fin-nota ta' eċċezzjonijiet hu, essenzjalment, li skont l-artikolu 31 tal-Kap 621 il-proċeduri quddiem din il-qorti għandhom jiġi istitwiti u mmexxija skont il-proċedura kif tapplika quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Jgħid li billi proċeduri quddiem il-Prim'Awla jridu, skont l-artikolu 156 tal-Kap. 12, jinbdew permezz ta' rikors ġuramentat, isegwi li dawn il-proċeduri kellhom jinbdew b'dak il-mod u mhux, kif sar, b'rikors sempliċi. Jsegwi, skont l-argument tal-Uffiċju, li r-rikors promotur għandu jitqies null.

7. Transmax tgħid (i) li skont l-artikolu 31 tal-Kap. 621 proċeduri jridu jiġu istitwiti u mmexxija skond il-proċedura li tapplika quddiem il-Prim'Awla ħlief kif provdut mod ieħor fil-Kap. 621 stess;[2] u (ii) li persuna li jidhrilha li għandha d-dritt għar-rimedju li hemm fl-artikolu 39 tal-Kap. 621 tista' 'tapplika' quddiem din il-qorti biex tieħu r-rimedju. Dan, skont Transmax, ifisser li hi setgħet tmexxi, kif mexxiet, b'rikors għaliex rikors hi kelma oħra għal applikazzjoni.

[1] It-talba kontra l-Kummissarju ġiet irtirata waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2024

[2] Jew f'xi liġi oħra: punt li, apparti li hu stramb, mhux relevanti.



Kopja Informali

8. L-Uffiċju jilqa' għal dan l-argument billi – almenu impliċitament – jaċċetta l-ewwel punt ta' Transmax, iżda jgħid li dan ma jagħmilx differenza. Billi l-artikolu 39 tal-Kap. 12 jgħid li l-parti 'tista' tapplika' u ma jużax il-kelma 'rikors', allura l-istess artikolu ma jipprovdix 'mod ieħor' għal kif għandhom jiġu istitwiti l-proċeduri quddiem din il-qorti; u, għalhekk, il-proċeduri kellhom jibdew b'rikors ġuramentat.[3]

9. Il-qorti tifhimha bħal Transmax. Għalkemm hu minnu, kif jgħid l-Uffiċju, li l-artikolu 39 tal-Kap. 621 ma jużax it-terminu 'rikors', il-nom 'applikazzjoni' hu sinomimu għalih; u allura meta jingħad li persuna 'tista' tapplika', dan ifisser l-istess li kieku intqal li persuna 'tista' tagħmel rikors'. L-Uffiċju qiegħed għalhekk jara distinzjoni li ma teżistix. L-iktar li jista' jingħad hu li min abbozza l-artikolu 39 kellu, forsi, stilistikament, juża t-terminu li, fid-dinja ta' dawk li jaħdmu fil-kamp legali, hu iktar magħruf u użat, li hu 'rikors'. Imma dan in-nuqqas - jekk hu nuqqas - ma jbiddel xejn mit-tifsira ordinarja tal-kelma attwalment użata, li hi l-istess bħal dik tal-kelma li l-Uffiċju deherlu li kellha tintuża.

10. Jiżdied li jekk hemm xi dubju dwar kif għandu jinqara, il-qorti jidhrilha li l-artikolu 39 tal-Kap. 621 għandu jingħata dik it-tifsira li tagħmilha l-iktar faċli għal min jitlob ir-rimedju biex tiġi istitwita u mmexxija l-proċedura. Din hi proċedura maħsuba għal min ikollu proprjetà tiegħu soġġetta għal ordni ta' qbid u ffriżar mhux kontrih, imma kontra terzi; u fejn il-kwistjoni hi waħda ta' indaġni fattwali limitata. Kif tajjeb qalet Transmax,[4] ma jagħmel l-ebda sens li indaġni limitata, definita mill-liġi stess u (jekk ikollu raġun) li jkollha ssir mingħajr tort tal-applikant, tieħu l-forma ta' kawża, bil-formalità, bid-dewmien u bil-kumplessità li tinvolvi.

Kopja Informali

[3] Ara nota ta' l-osservazzjonijiet tal-Uffiċju, para. 4-6, paġni 39-41

[4] Nota ta' l-osservazzjonijiet ta' Transmax, para. 22, paġna 28

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Uffiċju, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja Informali